MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2011

Talba Numru. 1549/2010

**Mobisle Communications Limited (C-24655)**
**Vs**
**Marlon Zarb (K.I. 486288M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici ppremettiet illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, erba' mija u sitta u hamsin ewro u wiehed u tmenin centezmu (€1456.81) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi telefoniku cellulari kont numru 470452 moghtija mis-socjeta' attrici u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.

Illi l-konvenut ġie nterpellat sabiex ihallas izda baqa' nadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa’ ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fil- 15 ta’ Novembru, 2011 mill-Avukat Ingrid Zammit Young u l-fatt li li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenut naqas milli jipprova l-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba tas-Socjeta attrici u dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------